**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR MARSETTE PORTELLI XERRI**
LL.B, LL.D, M.A.

**Seduta tal-Erbgha, 2 ta' Lulju, 2025**

Kawża Numru: 12/2023 (MPX)

**Elmo Insurance Limited (C-3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Luis Catala Tormo u l-istess Luis Catala Tormo (K.I. 0245693A)**

**vs**

**Franco Scicluna (K.I. 0308380M)**

**<u>Preliminari</u>**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba tat-talba, li jaqra kif gej:

*Is-somma komplessiva ta' elf, tmien mija erbgha u sittin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,864.24) mitluba f'dan l-avviz, tirrapprezenta d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti Luis Catala Tormo, assikurat mas-socjeta` rikorrenti Elmo Insurance Limited, u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta` rikorrenti Elmo Insurance Limited fl-ammonti ta' €1,714.24 bhala indennizz a favur tal-assikurat taghha, filwaqr li r-rikorrent Luis Catala Tormo sofra danni ammontanti ghal €150 bhala policy excess, u dan in segwitu ghall-incident li sehh bejn is-6 u s-7 ta' April, 2022, fi Triq it-Torri tal-Kaptanm in-Naxxar (hekk kif jirrizulta mir-rapport tal-pulizija li qieghed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. A) meta, waqt li r-rikorrent Luis Catala Tormo kellu l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LDH 348, appartenenti lilu, ipparkjata fl-imsemmija triq,*

*taret tinda li kienet impoggija taht hajt ghal fuq l-isemmija vettura, liema tinda kienet tappartjeni, jew kienet taht il-kontroll tal-intimat Franco Scicluna.*

*In vista tal-premess, dan l-Onorabbli Tribunal ghandu ghalhekk jiddikjaar lill-intimat Franco Scicluna unikament responsabbli ghall-incident illi sehh bejn is-6 u s-7 ta' April, 2022, fi Triq it-Torri tal-Kaptan, in-Naxxar, u jikkundanna lill-istess intimat sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma kumplessiva ta' elf, tmien mija, erbgha u sittin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,864.24) rapprezentanti danni subiti rizultat tal-incident de quo.*

*Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' April, 2022 u bl-imghax legali b'effett mill-4 ta' April, 2022 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha laqa' ghat-talbiet attrici kif gej:

1. *It-talba tal-attur ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess, stante illi hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi l-esponenti, kif sejjer juri fil-mori ta' din il-kawza, m'huwiex il-persuna responsabbli mill-hsarat li garrab l-attur Luis Catala Tormo fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LDH 348;*

3. *Illi kif ukoll sejjer jigi muri fil-mori ta' din il-kawza, kwalunkwe hsarat li garrab l-attur Luis Catala Tormo fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LDH 348 huma unikament rizultanza ta' negligenza u traskuragni da parti tieghu;*

4. *Illi ghalhekk l-ammont reklamat m'huwiex dovut mill-esponenti;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Ra l-atti processwali kollha.

Ra l-affidavit ta' George Stagno Navarra, fejn jghid li jokkupa l-kariga ta' court representative fi hdan Elmo Insurance Limited, liema kariga ilu jokkupa ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena. Izid jghid li jikkonferma li l-vettura tal-ghamla Toyota Passo bin-numru ta' registrazzjoni LDH 348, registrata f'isem Luis Catala Tormo, kienet assikurat maghhom. Jispjega li Tormo kien ipproceda bir-registrazzjoni ta' claim, war

li sab li tinda kienet taret waqt kundizzjonijiet ta' rih qawwi u spiccat fuq il-vettura tieghu. Izid jghid li s-socjeta` attrici kienet baghtet is-surveyor taghha sabiex jispezzjona l-vettura, fejn kien ikkalkula li kien hemm spejjez ammontanti ghal €1,579.45. Jghid li dawn it-tiswijiet kienu gew imhallsa mis-socjeta` attrici, u li waqt li kienu qed isiru t-tiswijiet fuq il-vettura, l-assikurat ghamel uzu minn vettura tal-kiri, ghal-liema spejjez hallset ukoll l-istess socjeta`. Jikkonkludi jghid li minkejja li kienet intbaghtet ittra ufficjali ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ra x-xhieda ta' Luis Catala Tormo, moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju, 2024, fejn jghid li l-vettura tieghu kienet ipparkjata in-Naxxar, fi zmien qrib l-elezzjoni generali. Jghid li kienet tpoggiet tinda bajda, li suppost kellha tigi mnehhija, u li madwar hmistax wara kien rih qawwi u wahda mit-tined taret b'konsegwenza li barxet il-vettura tieghu kompletament.

Jispjega illi kien mar hdejn il-vettura tieghu u ra t-tinda fuq il-vettura u li l-karozza kienet imbarxet. Jghid li l-vettura tieghu kienet ipparkjata kif suppost. Mistoqsi x'ghamel meta sab dan, jghid li kien ha xi ritratti imbaghad gar tieghu ghenu jnehhi t-tinda u mar ghax-xoghol. Ikompli jixhed li l-hsara kienet fuq il-vettura kollha, inkluz fuq in-naha ta' fuq, fil-gnub, u fil-mera, fejn kellu jsir bdil ta' diversi parts.

Jghid li kienet infethet minnu claim mas-socjeta` attrici, li maghha kien assikurat fuq bazi komprensiva.

Ra s-sensiela ta' ritratti mehuda mill-assikurat Luis Catala Tormo, li saret referenza ghalihom fix-xhieda tieghu.

Ra x-xhieda ta' PS 1301, Christian Bonello, moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru, 2024, fejn jghid li l-okkorrenza tal-kaz in kwistjoni kienet giet mehuda mill-kollega tieghu, PC 2174, Silvana Bellia. Jghid li fis-7 ta' Lulju, 2022, kien mar jaghmel rapport l-ghassa tan-Naxxar Luis Catala Tormo, fejn kien qal li kien ipparkjat qrib it-Trade Fair, fi Triq tat-Torri tal-Kaptan, Naxxar, fejn kien hemm tinda armata u minhabba l-maltemp waqghu xi affarijiet fuq il-vettura tieghu.

Izid jghid li mill-investigazzjonijiet li saru rrizulta li t-tinda kien responsabbli minnha l-konvenut. Jghid li cameras tas-sigurta` li setghu b'xi mod juru l-fatti kif graw ma kienx hemm, u li wara li regghu gew mitkellma l-partijiet, il-kwerelant kien infurmahom li ma riedx li jittiehdu proceduri kriminali.

Ra l-affidavit tal-konvenut, ipprezentat permezz ta' nota fid-19 ta' Novembru, 2024, fejn jghid illi huwa kien gie kkummissjonat sabiex jarma tined fiz-zona tal-counting

hall, in-Naxxar. Jghid li fis-7 ta' April, 2022, ghall-habta tal-5.30pm, setghu jinnutaw li kien hemm tinda li kienet giet milquta. Izid jghid li CCTV cameras fil-madwar ma kienx hemm, u li ghalhekk ma setax ikun jaf x'gara ezatt, pero` jghid li kien car li xi hadd kien laqat sieq it-tinda stante li din kienet mghawga.

Ikompli jghid li madwar 11-il gurnata wara kien gie kkuntattjat mill-Ghassa tal-Pulizija, fejn infurmawh li kien hemm karozza li kienet garrbet xi hsarat, u fejn din il-persuna kienet qieghda tallega li t-tinda waqghet fuq il-vettura tieghu. Jghid illi huwa asserixxa li dan ma setax kien il-kaz, u li l-tinda kienet giet milquta.

Ra x-xhieda ta' Romina Veneziani, moghtija minnha waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2025, fejn tghid li l-konvenut huwa l-partner taghha u li ghandhom kumpanija tal-events flimkien. Tghid illi f'April, 2022 kienu ramaw xi tined fil-vicinanzi tal-counting hall in-Naxxar, u li meta kienu baghtu lin-nies taghhom sabiex izarmawhom, sabu li wahda mit-tined kienet imdawra mal-art, filwaqt li l-bqija tat-tined kienu ghadhom f'posthom.

Izzid tghid li taf li l-konvenut kien gie kkuntattjat mill-Pulizija dwar rapport li kien sar, li fih kien inghad li t-tinda waqghet bir-rih fuq vettura.

Ra x-xhieda in kontro-ezami ta' Luis Catala Tormo.

Ra l-bqija tal-atti processwali kollha.

Ikkunsidra:

Mix-xhieda prodotta jirrizulta illi l-vettura registrata f'isem l-attur Luis Catala Tormo, u li kienet assikurata mas-socjeta` attrici, ossia dik bin-numru ta' registrazzjoni LDH 348, kienet hdejn is-sala tal-ghadd tal-voti, in-Naxxar, meta garrbet hsarat konsegwenza tal-fatt li fuqha waqghet tinda, propjeta` tal-konvenut. Filwaqt li l-atturi jasserixxu li t-tinda waqghet kawza ta' rih qawwi, il-konvenut isostni li dan ma setax ikun, fejn jghid li sieq it-tinda kienet tidher milquta u li propju minhabba d-daqqa li laqtet li t-tinda waqghet.

Jigi nnutat ukoll illi, filwaqt li Luis Catala Tormo pprezenta sett ta' ritratti mehudin minnu, ma giet prodotta l-ebda prova li tista' b'xi mod tikkorrobora l-verzjoni tal-istess Tormo, jew li b'xi mod tassevera illi t-tinda verament waqghet fuq il-vettura tieghu minhabba r-rih qawwi. Ma jirrizultax lanqas li waqghet xi tinda ohra minn dawk li kien hemm fl-istess zona, u jibqa' l-fatt li l-istess Tormo ma ghaddiex biex

jaghmel rapport mal-Pulizija b'mod immedjat, u/jew li jsejjah fuq il-post persuni jew ufficjali sabiex jigi verament determinat dak li kien okkorra.

F'dan l-isfond, it-Tribunal ma jistax ma jitlaqx mill-premessa illi l-oneru tal-prova jinsab pjenament fuq is-socjeta` attrici, *multo magis*, tenut kont tal-eccezzjonijiet cari mressqin f'dan ir-rigward mill-istess intimat.

Illi, il-Qrati nostrana pprounzjaw ruhhom bl-iktar mod car fir-rigward, fejn gie ritenut illi:

> 'Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet dijametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra, pero`, il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabiltajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita` civili.' (Giordmaina Medici Frank et vs Williams Rizzo et., deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April, 2004 – enfasi mizjuda).

> 'Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika.' (Ciantar Emanuel Vs Curmi David noe., deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 t'April, 2003).

Illi fuq kollox huwa wkoll l-istess art. 562 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi espressament li:

> 'Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.'

Fix-xhieda tieghu, Luis Catala Tormo jghid hekk:

*[…] So, I was not driving. The car is mine, the registration is LDH 348. The car was parked where my residence was at the time, in Triq… in-Naxxar, next to the fair… and it was a couple of weeks, I don't remember exactly when… a couple of weeks after the election. They placed this white tent near the fair during the election. That was supposed to have been removed, obviously a few days after the election and then a couple of weeks later, there were those days with lots of wind. One of these tents flew over my car, scratched my car completely. I think Elmo has the pictures and everything that happened.*

Oltre dan, u ghajr ghar-ritratti prodotti, l-atturi ma jressqu l-ebda prova in sostenn tal-verzjoni moghtija minnhom dwar dak li effettivament gara. It-Tribubal jinnota, per ezempju, li ma giet migjuba l-ebda prova dwar il-kundizzjonijiet tat-temp dakinhar tal-akkadut, liema prova setghet, kemm-il darba migjuba, tirrinsalda l-verzjoni moghtija mill-atturi, ossia li t-tinda waqghet minhabba rih qawwi. Ma gietx prodotta lanqas l-ebda prova li toffri konvinzjoni li l-qaghda li fiha giet misjuba tinda kienet tali li tindika li din taret bir-rih.

In vista ta' dan, it-Tribunal ikollu jikkonkludi li l-atturi ma lahqux l-oneru tal-prova impost fuqhom mill-azzjoni taghhom, almenu sal-grad ta' bilanc ta' probabiltajiet mehtiega sabiex jitnissel konvinciment morali. Tali certezza ma tistax tigi koncepit minn semplici supposizzjonijiet jew allegazzjonijiet li jithallew mhux pruvati.

Kien jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw in-ness kawzali bejn il-hsara mgarrba u r-responsabilita` tal-kovenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jastjeni milli jikkunsidra l-eccezzjonijiet rimanenti, konsegwentement jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez jigu sopportati interament mill-atturi.

(ft.) Dr Marsette Portelli Xerri LL.D.
*Ġudikant*

(ft.) Jenna Mizzi
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur